62

**PERIT MICHAEL LANFRANCO**
**ARCHITECT + CIVIL ENGINEER**
B E & A Hons, M Sc Cons. Tech.

*Chairperson Environmental Planning Review Tribunal,*

Planning Authority,

Floriana.

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
19 FEB 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

15/02/2021

Enforcement Number: EC/3/21

Location: Site at Triq il-Qrempuc, Marsascala

Nirreferi ghall-Avviz ta' Infurzar mahrug mill-Awtorita' tal-Ipjanar fuq l-ilment segwenti:

*Ghandek zvilupp li jikkonsisti fi twaqqiegh ta' parti minn hajt tas-sejjieh biex infetah access minn triq gdida ghal ghalqa. F'din il-fetha twahhlet xatba tal-metall u giet iffurmata rampa tal-konkos (mit-triq ghal go l-ghalqa). Dan kollu parzjalment fi triq progettata u minghajr il-permess mehtieg*

Mahrug fuq il-klijenti tieghi u cioe': Carmel Apap Bologna, Marlene Attard Montalto, Elizabeth Apap Bologna, Marina Apap Bologna, Paul Deguara Caruana Gatto, Maria Concetta Deguara Caruana Gatto, Henry Deguara, Francis Lanfranco kif ukoll Carmel Mallia li mhuwiex qieghed jigi rrappprezentat f'dan l-appell u ma min il-klijenti tieghi ma jassocjawx ruhhom bl-ebda moghod.

Bir-rispett, il-klijenti tieghi jridu jressqu dawn il punti u argumenti segwenti:

1. Illi il-klijenti tieghi huma s-sidien unici tal-ghalqa formanti minn diversi artijiet gewwa Marsascala maghrufa bhala Tal-Baruni sive Tal-Harrub sive Ta' Blat Ghaiscun, originarjament accesibli minn Sqaq il-Harruba. L-istess ghalqa kienet tifforma parti mill-artijiet u gonna retroposti/annessi mal-Villa Manduca (maghrufa anki bhala Villa Apap Bologna) u li l-bieb ta' wara taghha tinsab fuq in-naha l-ohra ta' Sqaq il-Harruba.
2. Illi l-art giet originarjament akkwistata mill-predecessur fit-titlu tal-klijenti tieghi - Giuseppe dei conti Manduca sive Manduca Delicata (maghruf bhala il-Baruni), permezz ta' subbasta mizmuma taht l-awtorita' tal-Qorti kif ukoll permess ta' kuntratti ohra. L-istess art ghaddiet ghand il-pro neputijiet ta' l-imsemmi Giuseppe Manduca Delicata u cioe' Agatha Formosa Gauci u Maria Carmela Debattista, ahwa Formosa Gauci, minn fejn il-klijenti tieghi wirtu l-istess proprjeta.
3. Illi l-art kienet ghal diversi generazzjonijiet mikrija u mahduma mill-familja Psaila maghrufa bhala ta'Apap kif ukoll il-kugini taghhom, il-familja Pulis - tant li l-ahhar membru hajja tal-familja Psaila, Marija Psaila (illum ricoverata go dar tal-anzjani) ghadha rregistrata bhala gabillotta fuq din l-ghalqa mad-Dipartimenti tal-Biedja – fil-'vulgo' 'Ghammieri'.
4. Illi l-imsemmi Carmel Mallia qieghed jokkupa illegalment, abbuzivament, minghajr permess tal-klijenti u minghajr ebda titolu validu fil-ligi l-art tal-klijenti tieghi.
5. Illi Carmel Mallia, minghajr kunsens tas-sidien u minghajr permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar, sstalla grada ossija xatba f'selha fil-hajt tas-sejjieh fil-posizzjoni tat-triq progettata – Triq il-Qrempuc sabiex iwaqqaf lis-siddien milli jidhlu fuq l-proprjeta taghhom stess!

6. Illi wara li s-sidien pruvaw jaccessaw l-ghalqa taghhom fit-8 ta' Gunju 2020 huma baghtu lill-imsemmi Carmel Mallia ittra ufficjali (DOK A) sabiex inehhi l-grada minnufih.
7. Illi Carmel Mallia injora ghal kollox it-talba tas-sidien u fil-fatt fil-11 ta Gunju 2020 huma kkomunikaw mas-sezzjoni tal-Infurzar tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jirrapurtaw dan l-agir illegali.
8. Illi huma diversi drabi talbu lill-Awtorita' sabiex johorgu l-Avviz ta' Infurzar f'isem il-bniedem li-wettaq il-kontravenzjoni/illegalita' u cioe' kontra Carmel Mallia u dan ai termini tal-Art 103 ta' Sez IX tal-Att Dwar l-Izvilupp u Ippjanar fejn huwa car li Avviz ta' Infurzar ghandu johrog kontra is-sid **JEW** l-**okkupant.**
9. Illi s-sidien jergghu jtennu li huwa l-imsemmi Carmel Mallia li huwa l-**OKKUPANT (illegali)** u li huwa hu biss li wettaq il-kontravenzzjoni u wkoll b'konsegwenza taghha llimita l-access uniku ghalih innifsu biss! Ghalhekk, l-avviz ta' infurzar ghandu johrog f'isem l-istess Mallia wahdu u il-klijenti tieghi ghandhom ikunu hielsa minn kwalunkwe avviz ta' infurzar u multa.
10. Illi is-sidien jirreferu lit-Tribunal ghall-Appell AP 155/07 (fuq ECF 391/07) fl-ismijiet tal-Kontessa Maria Theresa Deguara Caruana Gatto kontra l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tikkonferma li l-avviz ta' infurzar ghandha tohrog f'isem **il-persuna li wettaq il-kontravenzjoni u mhux f'isem is-sid li forsi m'ghandux kontrol fuq l-art.**
11. Salv dan kollu hawn fuq premess, il-klijenti tieghu qieghdin jirrizervaw id-dritt sabiex provi ulterjuri quddiem it-Tribunal u kontemporanjament qieghdin izommu lill-imsemmi Carmel Mallia responsabli ghad-danni li huma qed isoffru u li ghad iridu jsoffru minhabba l-ghagir illegali tieghu.



**Perit Michael Lanfranco**

**Dr Francis Lanfranco**

**Dr Mark Attard Montalto**